MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2014

Numru. 217/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruna)**

**vs**

**Adrian Muscat ta' 30 sena bin Mario u Mary Grace nee' Borg, imwieled il-Pieta' fid-19 ta' Frar 1983, u li joqghod 134, Triq Santa Katerina, Qormi u detentur tal-karta ta'l-identita' 129983(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Adrian Muscat li gie akkuzat:

1. talli fil-11 ta' Dicembru 2010, gewwa Hal Ghaxaq u f'postijiet ohra gewwa Malta mexxa biljetti tal-flus

iffalsifikati, liema biljetti tal-flus iffalsifikati huwa ta' 100euro, meta kien jaf li hija iffalsifikata.

2. U aktar talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus u cioe' erba' karti tal-100euro falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati,

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali permezz tan-nota tar-rinviju ghal gudizzju tat-2 ta' Jannar 2013;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi fin-nota tar-rinviju tieghu ghal gudizzju, l-Avukat Generali jindika id-disposizzjonijiet 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Bank Centrali.

Illi l-artikolu 45(1) jiddisponi testwalment:

**"Kull min jiffalsifika xi biljetti tal-flus jew imexxi biljett tal-flus falsifikat li jkun jaf li hu falsifikat, jista' jehel meta jinsab hati prigunerija ….Izda meta biljett tal-flus iffalsifikat jitmexxa minn persuna li tipprova li fiz-zmien li fih gie f'idejha jew fil-pussess taghha ma kenitx taf li kien falsifikat, il-piena tigi ridotta ghal zmien …"**

L-artikolu 46 imbaghad ighid:

**“Kull min minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli (liema prova tkun fuq l-akkuzat) jixtri jew jircevi minghand xi persuna jew ikollu fil-kustodja jew pussess tieghu biljett tal-flus falsifikat, li jkun jaf li l-istess ikun falsifikat, jehel meta jinsab hati ….”**

Dana ghaliex qed jigi allegat f’dawn il-proceduri illi l-imputat mexxa erba karti foloz tal-€100 ‘il wahda. Il-pulizija bdew jinvestigaw dana l-kaz wara li ircevew rapport minn ghand certu Duncan Buttigieg li ighid li kien biegh lill-imputat, li huwa *dealer* tal-karozzi, vettura qadima tal-ghamla Jaguar lill-imputat ghal prezz ta’ €400. Buttigieg jallega illi l-imputat hallsu permezz ta’ erba karti tal-flus ta’ €100 il-wahda. Ikompli ighid illi ftit tal-hin wara huwa beda jissuspetta illi dawn il-flus setghu kienu foloz u ghalhekk mar f’banka tal-lottu gewwa Hal Ghaxaq fejn talab lil-*lotto receiver* jiccekkjalu dawn il-flus fil-magna. Ighid illi din il-persuna ikkonfermatlu illi dawn il-flus kienu foloz. Ighid ukoll illi ivverifika l-awtenticita’ ta’ dawn il-flus ma’ *manager* ta’ bank, izda ma jindikax min hi dina l-persuna. Wara dan huwa cempel lill-imputat li ighid li mal-ewwel innega mieghu li kien hallsu b’xi flus foloz[1]. Ghalhekk Buttigieg iddecieda jaghmel rapport mal-pulizija, li elevaw dawn il-karti tal-flus minn ghandu u minn hawn skattaw l-investigazzjonijiet.

Meta jigi arrestat u interrogat l-imputat jinnega mal-ewwel illi l-flus li jigi muri mill-Ufficjal Investigattiv kienu il-flus illi huwa ghadda lil Duncan Buttigieg. Huwa isostni illi kien hallas lil Buttigieg permezz ta’ tmien karti tal-flus ta’ €50 il-wahda. Jichad illi huwa ghaddielu xi karti tal-€100. Dana jibqa’ isostnieh anke meta jixhed fil-kawza fejn jerga’ itenni dak kollu li ighid fl-istqarrija tieghu[2].

Illi l-Prosekuzzjoni tressaq bhala xhud lil certu Godfrey Cristiano, il-*lotto receiver* li Buttigieg jallega li kien ipprezentalu il-flus sabiex jaghmillu il-verifiki dwar l-awtenticita’ taghhom. Illi dana Cristiano ighid fix-xhieda

[1] Ara xhieda ta’ Duncan Buttigieg a fol.23

[2] Ara stqarrija ta’l-imputat Dokument PC2 a fol.14 u xhieda ta’l-imputat a fol.72 tal-process

tieghu illi huwa kien gie mitlub jivverifika xi karti tal-flus fil-magna li ghandu fil-hanut tieghu tal-lottu minn Duncan Buttigieg. Isostni illi meta huwa ghadda l-flus mill-magna dawn kienu awtentici u mhux foloz. Ighid illi li kieku l-flus kienu foloz il-magna kienet iddoqq sabiex timmarkalu li il-flus ikunu foloz. F'dana il-kaz, izda, dan ma sehhx.

Illi l-flus mghoddija lilha minn Duncan Buttigieg, gew esebieti in atti mill-Prosekuzzjoni u gew analizzati mill-espert nominat mill-Qorti Robert Mifsud li fil-fatt jikkonferma illi dawn l-erba karti tal-flus tal-€100 'il wahda kienu foloz.:

"Id-dokumenti esebieti li jixbhu karta tal-flus ta' €100, bin-numri serjali U31427596404 u S-9167350244 ma jinkorporawx il-fatturi tas-sigurta' li jinstabu fuq il-karti genwini tal-flus tal-valuta ta'l-ewro tant li:

1. Il-karta li fuqha gew stampati id-dokumenti esebiti mhux idéntika ghal dik genwina.

2. il-fatturi l-ohra tas-sigurta bhlla l-istampar imqabbez, ix-xbiha li tidher kontra id-dawl, il-fil tas-sigurta, kif ukoll l-istrixxa olografika mhumiex identici ghal dawk li jinsabu fuq il-karti tal-flus genwini.

Tali fatturi tas-sigurta jigu integrati fuq kull karta tal-flus tal-valuta genwina ta'l-ewro b'mod strett – hekk li iqmar in-nuqqas ta' wiehed minnhom jindika li tali ezemplari huwa falz.[3]"

Fil-fatt mir-rapport ta'l-espert jidher illi dawn il-flus *ictu oculi* jidhru li huma foloz billi tlieta minnhom ghandhom l-istess numru serjali u il-karta ukoll meta wiehed imissha tinhass differenti billi din tinhass ratba u ma tqarqacx. Kwindi l-Qorti ma tistax tifhem kif Buttigieg ma indunax minnufih, kif gie mghoddi dawn il-flus illi dawn ma kenux genwini jew ghal ta'l-inqas kif ma giehx is-suspett immedjatament.

[3] Ara rapport ta'l-espert Robert Vella Dokument RM a fol.39

Dana qed jinghad ghaliex f'din il-kawza il-Qorti trid necessarjament twiezen liema xhieda hija dik l-iktar verosimili u cioe' jekk ghandhiex temmen lill-imputat jew lill-parti leza billi dawn jaghtu zewg verzjonijiet opposti. Filwaqt illi Buttigieg jikkontendi illi l-erba karti tal-flus ta' €100 il-wahda ghaddiehomlu l-imputat, minn naha tieghu l-imputat jichad dana kollu u jikkontendi illi l-karti tal-flus mertu tal-kawza qatt ma kienu fil-pussess tieghu u li hu hallas lil Buttigieg permezz ta' tmien karti tal-flus ta' €50 il-wahda.

Illi l-Qorti tistqarr minnufih illi ma tistax temmen lill-parti leza u dana billi fl-ewwel lok, kif diga inghad, jidher illi l-karti tal-flus mertu tal-kawza kienu jidhru illi kienu foloz meta wiehed jaghtihom daqqa t'ghajn u imisshom b'idu. Mhux biss tlieta minn dawn il-karti kellhom l-istess numru serjali meta huwa ben maghruf illi dan in-numru ikun uniku ghal kull biljett tal-flus, izda il-karta tinhass ratba u ma tqarqacx. Il-Qorti tinsab perplessa ukoll mill-fatt illi ghalkemm Buttigieg isostni illi meta ha il-karti tal-flus ghand il-*lotto receiver* Cristiano sabiex jaghmillu l-verifiki fuqhom bil-magna tal-flus, dana Cristiano qallu li dawn kienu foloz, l-istess Cristiano meta jixhed fil-qorti ighid l-oppost! Huwa isostni illi l-flus li ghaddhielu Duncan Buttigieg u li hu ghadda mill-magna fuq talba tieghu, kienu flus awtentici ghax il-magna ma daqqietx. Il-Qorti minhabba f'dawn il-fatturi ma tistax taghti pis lix-xhieda ta' Duncan Buttigieg. Dana, fil-fehma tal-Qorti, johloq dubbju serju dwar il-veracita' tax-xhieda ta' Duncan Buttigieg, tant illi allura fuq bazi ta' probabbilita, il-verzjoni ta'l-imputat hija wahda iktar kredibbli u verosimili.

Ghaldaqstant ghar-raguni hawn fuq premessa il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fuq kunflitt il-provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------